

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għas-Sajd

2008/2222(INI)

10.11.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-riċerka applikata rigward il-politika komuni tas-sajd
(2008/2222(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Rosa Miguélez Ramos

PR_INI

WERREJ

Pàġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-riċerka applikata rigward il-politika komuni tas-sajd (2008/2222(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd¹,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 rigward is-seba' programm ta' qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013)²,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bit-titolu 'Strateġija Ewropea għar-Riċerka tal-Baħar u dik marittima: qafas koerenti tal-qasam ta' riċerka Ewropew li jappoġġja l-użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra' (COM(2008)0534) ('I-strateġija għar-riċerka tal-baħar u dik marittima')
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar strateġija għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura Ewropea (COM(2002)0511),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward is-seba' programm ta' qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2008 dwar politika marittima integrata għall-Unjoni Ewropea⁴,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent tal-baħar (Id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija tal-Baħar)⁵.
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 rigward it-twaqqif ta' qafa Komunitarju għall-ġbir, l-immaniġġjar u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u rigward l-appoġġ għall-parir xjentifiku rigward il-politika komuni tas-sajd⁶,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-

¹ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

² ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

³ ĠU C 300 E, 9.12.2006, p. 400.

⁴ ĠU C 180 E, 17.7.2008, p. 27.

⁵ ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

⁶ ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

konservazzjoni tal-abitati naturali u tal-flora u l-fawna selvaġġi¹,

- wara li kkunsidra r-rapport tas-samit dinji dwar l-iżvilupp sostenibbli li sar f'Johannesburg (l-Afrika t-Isfel) mis-26 ta' Awissu sal-4 ta' Settembru 2002²,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Aberdeen li kienet adottata fit-22 ta' Ġunju 2007 waqt il-konferenza tal-EurOCEAN minn organizzazzjonijiet ta' riċerka Ewropej fil-qasam tal-baħar u dak marittimu, netwerks xjentifiċi u għadd kbir ta' xjentisti minn madwar l-Ewropa,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0000/2008),
- A. billi l-Kummissjoni fittxet li tistimula r-riċerka Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura sa mir-raba' programm ta' qafas sabiex tappoġġja l-politika komuni tas-sajd (PKS),
- B. billi fis-seba' programm ta' qafas, ir-riċerka kollha dwar is-sajd u l-akkwakultura hija inkorporata fil-kuntest aktar wiesa' tar-riċerka dwar l-agrikoltura (qasam tematiku 2), filwaqt li x-xjenzi tal-baħar u l-immaniġġjar taż-żoni kostali jaqgħu taħt ix-xjenza ambjentali,
- C. billi kemm il-kodiċi ta' kondotta għas-sajd responsabbli tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) kif ukoll il-ftehma għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar relatata mal-konservazzjoni u l-immaniġġjar tal-istokkijiet tal-ħut li jiċċaqilqu kemm fi ħdan żoni ekonomiċi esklussivi u kemm barra minnhom (stokkijiet transżonali) u tal-istokkijiet tal-ħut li jpassi ħafna jenfasizzaw il-ħtieġa li jkunu żviluppatti attivitajiet ta' riċerka u l-ġbir ta' dejta sabiex jittejjeb l-għarfien xjentifiku tas-settur,
- D. billi l-PKS huwa fost il-politiki Komunitarji li l-aktar huma dipendenti fuq ir-riċerka xjentifika u l-kredibilità tal-miżuri adottati skont din il-politika tistrieħ fuq opinjonijiet xjentifiċi ta' kwalità għolja,
- E. billi l-PKS hija msejsa fuq prinċipji ta' governanza tajba, li jirrikjedu li l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet għandu jkun ibbażat fuq opinjonijiet xjentifiċi serji u li għandu jipproduċi riżultati f'waqthom,
- F. billi l-istrateġija tar-riċerka tal-baħar u dik marittima, filwaqt li tagħraf l-importanza tal-isforzi li qed isiru l-ħin kollu fid-diversi dixxiplini tal-baħar u marittimi, tiffoka fuq it-titjib tal-interazzjonijiet bejn ir-riċerka tal-baħar u r-riċerka marittima aktar milli timmira għal setturi ta' riċerka li diġà huma stabbiliti sew,
- G. billi l-eżami mill-ġdid li se jsir dalwaqt tal-PKS, li jagħti importanza akbar lill-manijġjar reġjonali u tal-ekosistemi, jitlob bażi soda ta' għarfien xjentifiku,

¹ ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

² <http://daccessdds.un.org/doc/UNDOC/GEN/N02/636/94/PDF/N0263694.pdf?OpenElement>

1. Jinsab konvint li huwa meħtieġ li, fil-politiki segwiti fir-rigward tar-riċerka, tingħata attenzjoni akbar lill-problemi speċifiċi tas-sajd u tal-akkwakultura minħabba l-importanza ekonomika, soċjali u politika ta' dan is-settur fl-UE;
2. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforz li qed isir mill-ġdid mill-Kummissjoni permezz tal-istrategġja tagħha tar-riċerka tal-baħar u marittima biex timmobilizza r-riżorsi bil-għan li tittejjeb l-integrazzjoni bejn ir-riċerka tal-baħar u r-riċerka marittima;
3. Ifakkar lill-Kummissjoni li, skont ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002, hija għandha obbligu legali li ssejjes il-proposti tagħha relatati mal-PKS fuq 'parir xjentifiku sod u fuq approċċ ta' prekawzjoni';
4. Jinsab imħasseb minħabba r-riorganizzazzjoni tat-temi fis-seba' programm ta' qafas, li jfisser li r-riċerka dwar il-produzzjoni tal-ħut għet isseparata mis-sajd u l-ekoloġija tal-baħar, anke jekk riorjentament ċar tal-PKS lejn approċċ mil-lat ta' ekosistemi għall-kuntrarju jkun jirrikjedi livell aqwa ta' integrazzjoni;
5. Jiddeplora l-fatt li s-seba' programm ta' qafas la jqijs is-sajd u l-anqas l-akkwakultura bħala linji speċifiċi u jirreferi biss għall-qasam tematiku 2, 'Ikel, agrikoltura u bijoteknoloġija', li jista' jkun li jkopri r-riċerka tas-sajd, imma biss f'sens imbiegħed u jekk ikun interpreta fis-sens aktar wiesa'; jinnota li l-istess ħaġa tapplika għall-qasam tematiku 6, 'L-Ambjent (inkluża l-bidla fil-klima)';
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina mill-ġdid is-seba' programm ta' qafas meta ssir l-evalwazzjoni ta' nofs it-term, skedata għall-2010, filwaqt li tqis din ir-riżoluzzjoni u tagħti każ ħafna aktar tal-problemi speċifiċi tas-sajd u l-akkwakultura;
7. Jinsab konvint li kemm dawk li jagħmlu l-politiki u kemm l-operaturi fis-settur tas-sajd għandhom ħtieġa kruċjali ta' tip aktar Prattiku ta' riċerka u, minħabba t-tul tas-seba' programm ta' qafas, bilfors li jridu jkunu inklużi l-oġettivi li għandhom jintlaħqu;
8. Huwa tal-fehma li, minħabba n-nuqqas ta' linji speċifiċi għas-sajd u l-akkwakultura fis-seba' programm ta' qafas, m'hemmx inċentiv biżżejjed għal għadd suffiċjenti ta' proġetti ta' riċerka li jridu jiffasslu f'dawn l-oqsma, ħaġa li għandha effett ta' ħsara fuq l-importanza u r-relevanza tal-proġetti magħżula;
9. Jisħaq fuq il-punt li, sabiex tkun iggarantita l-implimentazzjoni effettiva tal-PKS, jeħtieġ li jinħolqu programmi speċifiċi fil-qasam tar-riċerka applikata, u l-finanzjament tagħhom jeħtieġ li jkun żgurat permezz ta' allokkazzjoni tal-baġit adegwata; hu tal-fehma li, għal dan il-għan, hija ħaġa vitali li fis-seba' programm ta' qafas tkun inkluża skema ta' allokkazzjonijiet;
10. Jistieden lill-Kummissjoni biex il-finanzjament tar-riċerka applikata fil-qasam tal-PKS skont is-seba' programm ta' qafas jintuża bħala lieva biex ikunu promossi sinerġiji bejn l-isforzi tar-riċerka fid-diversi Stati Membri u tintlaħaq il-massa kritika meħtieġa biex ikunu ffaċċjati l-isfidi enormi tar-riċerka tal-baħar transtematika;
11. Jirrakkomanda li, fil-qasam tar-riċerka xjentifika tal-baħar, tingħata prijorità mhux biss lir-riċerka bil-għan li jkun akkwistat għarfien dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut imma

wkoll lill-aspetti kummerċjali, ekonomiċi u soċjali li jiddeterminaw l-immaniġġjar tas-sajd, peress li dawn l-aspetti kollha huma ta' importanza kruċjali;

12. Hu tal-fehma li, fl-oqsma tas-sajd u tal-akkwakultura b'mod partikulari, għandha tingħata prijorità lir-riċerka applikata li l-objettiv fundamentali tagħha għandu jkun li tittiejeb id-dejta xjentifika utilizzata bħala bażi għal-leġiżlazzjoni u għall-immaniġġjar tas-sajd, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-pjanijiet ta' rkupru għal speċijiet li jinsabu friskju bijoloġiku;
13. Jinnota li hemm konflitt ta' interess ċar bejn is-sajjieda u x-xjentisti fuq medda qasira ta' żmien, filwaqt li l-objettivi tagħhom fuq medda twila ta' żmien jidhru li huma aktar kompatibbli;
14. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex juru u jwasslu b'mod aħjar lis-sajjieda li huwa fl-interess tagħhom li jitqies il-benefiċċju ekonomiku li jistgħu jistennew fuq medda ta' żmien medja jew twila fl-evalwazzjoni tat-telf ekonomiku preżunt tagħhom fuq perjodu qasir;
15. Jisħaq fuq il-problema inkwetanti tad-defiċit ta' xjentisti żgħażaġh fir-riċerka applikata fis-settur tas-sajd, minħabba li l-karrieri ma tantx huma attraenti meta mqabbla ma' riċerka bażika u dixxiplini xjentifiċi oħra;
16. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jkunu stabbiliti mill-ġdid korsijiet ta' lawrja universitarja li jkunu interessanti u li jsaħħu l-istatus li jwasslu għal karrieri rimunerattivi għal din ir-rotta xjentifika;
17. Huwa favur politika tal-edukazzjoni li tipprovdi motivazzjoni akbar għax-xjentisti żgħażaġh biex jaqdbu l-linja tar-riċerka applikata fis-settur tas-sajd, minflok il-linja tar-riċerka bażika;
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-ħolqien ta' netwerk Ewropew stabbli, imsejjes fuq infrastruttura fiżika eżistenti fl-Istati Membri u li jkun immirat għall-osservazzjoni u l-ġbir ta' dejta dwar l-ambjent tal-baħar, li jkun jiffaċilita l-iskambju ta' tagħrif bejn l-operaturi fis-settur u l-korpi ta' riċerka Ewropej u li jkun iżomm lill-UE f'pożizzjoni ta' eċċellenza;
19. Ifakkar fil-ħtieġa li jkunu standardizzati d-diversi mudelli ta' riċerka applikata li attwalment huma utilizzati fl-Istati Membri biex isir aktar faċli kemm li jiġu mqabbla r-riżultati u kemm li tkun iffaċilitata l-aggregazzjoni tad-dejta;
20. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi l-komunità xjentifika biex tfassal aktar standards komuni ta' metodoloġija fir-riċerka tal-ħut u biex tagħti spinta lill-koperazzjoni bejn l-istituti ta' riċerka nazzjonali;
21. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiġbor tagħrif speċifiku dwar il-mod li bih attwalment qed jopera d-djalogu ta' bejn ix-xjentisti u s-sajjieda fid-diversi Stati Membri u biex telenka l-aħjar prattiki.
22. Jisħaq fuq il-punt li l-kumitati ta' konsulenza reġjonali għandhom irwol importanti xi

jwettqu fil-kuntest tar-riċerka applikata u jitlob, konsegwentement, li għandu jkun possibbli għax-xjentisti li jkunu membri sħaħ ta' dawn il-korpi;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jallokaw l-appropriazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit tal-UE għall-ġbir tad-dejta fis-settur tas-sajd, b'mod partikulari taħt l-intestatura tal-baġit 11 07 02: 'Appoġġ għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd (titjib tal-parir xjentifiku)';
24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

'Fejn m'hemm l-ebda xjenza x'tapplika, ma jista' jkun hemm l-ebda xjenza applikata'
Bernardo Houssay, Premju Nobel għall-mediċina (1947)

Tista' tgħid nofs il-popolazzjoni tal-Komunità tgħix f'żoni qrib iż-żewġ oċeani u l-erba' ibħra li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni Ewropea. Dawn l-ibħra u oċeani, il-għajn tal-ħajja, għandhom irwol ta' moderazzjoni fil-kuntest tal-bidla fil-klima. Huma sistemi kumplessi li huma diffiċli biex wieħed jifhimhom, u l-immaniġġjar korrett tagħhom huwa waħda mill-isfidi ewlenin li qed jiffaċċjawna.

Ir-rikonċiljazzjoni tal-preservazzjoni tal-ekosistemi u l-esplottazzjoni sostenibbli tar-riżorsi, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-impatt tad-diversi attivitajiet tal-bniedem fuq l-ambjent tal-baħar u t-titjib tal-livell ta' għerf il-fatti, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni huma sfidi oħra li ma jistgħux ikunu meġhluca mingħajr il-parteċipazzjoni tal-komunità xjentifika Ewropea.

Fir-rigward tal-istokkijiet tal-ħut, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) fl-2004 kkalkulat li aktar minn 70% tal-istokkijiet jew kienu naqsu, jew esplotjati ż-żejjed jew kienu qed jirkupraw. Imma hemm fatturi oħra li flimkien mas-sajd żejjed għandhom impatt fuq ir-riżorsi, bħal m'huma l-bidla fil-klima u l-attività tal-bniedem, u għalhekk hija ħaġa vitali li jkun hemm dejta kompleta u ta' min joqgħod fuqha.

Iż-żoni kostali huma suġġetti għal riskji ġejjin mis-sitwazzjoni ġeografika partikulari tagħhom, bħal m'huma diżastri naturali jew inċidenti segwiti minn tniġġis serju tal-baħar. F'dan il-qasam, is-sorveljanza tal-ilmijiet Komunitarji tinvolvi l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi kollha disponibbli, inkluża r-riċerka.

L-ekosistemi tal-baħar huma vulnerabbli b'mod partikolari u jeħtieġu attenzjoni speċjali, aktar aktar minħabba li fil-ġejjieni l-approċċ mil-lat ta' ekosistemi se jkun wieħed essenzjali meta jiġu biex jittieħdu d-deċizzjonijiet. Iż-żoni mħarsa tal-baħar jeħtieġ li jkunu definiti b'mod ċar fuq il-bażi ta' approċċ integrat appoġġjat minn kriterji xjentifiċi sodi li jkunu kapaċi jħarishom minn attivitajiet oħra wkoll li ma jinkludux is-sajd, bħal m'huma t-turiżmu, l-estrazzjoni taż-żejt u attivitajiet militari.

Ir-riċerka tal-baħar bħala fus għall-immaniġġjar tal-ibħra u l-oċeani

L-implimentazzjoni ta' politika komuni tas-sajd hija inseparabbli mir-riċerka effettiva fl-livell Ewropew. Hija r-responsabilità tal-Komunità li tagħmel użu tal-aspetti pożittivi tar-riċerka u l-innovazzjoni sabiex tħares b'mod attiv l-ibħra u l-oċeani tagħna, billi ssawwar immaniġġjar integrat tas-sajd ibbażat fuq iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku ta' kwalità għolja.

Ir-riċerka tas-sajd hija vitali wkoll meta jkunu qed jiġu mfassla r-rakkomandazzjonijiet u meta jkun qed jingħata parir xjentifiku lill-leġiżlaturi. L-aktar għodda importanti għal-industriji tas-sajd, il-politika komuni tas-sajd, teħtieġ investment akbar fi-xjenza u r-riċerka tal-baħar sabiex tkun tista' ssir aktar effettiva.

F'dawn l-aħħar 15-il sena, il-Kummissjoni pprovdiet lill-komunità xjentifika riżorsi materjali sinifikanti maħsuba biex ikunu appoġġjati deċiżjonijiet dwar l-immaniġġjar tas-sajd. Riċerkaturi Ewropej qiesu mhux biss konsiderazzjonijiet bijoloġiċi imma wkoll l-imġiba tat-tagħmir tas-sajd, l-impatt bijoloġiku li jkollhom il-qabdiel fuq is-sajd u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu. Imma l-iżvilupp tal-PKS u ta' politiki oħra relatati ħoloq htegiġiet ta' riċerka ġodda.

Il-ħtieġa ta' riċerka tas-sajd li tkun responsabbli u ta' kwalità għolja

Għalkemm hemm livell ta' kontroversja bejn ir-riċerka bażika u r-riċerka applikata, dak li huwa kważi ċert huwa li kwalunkwe tip ta' riċerka għandu jirriżulta f'għerf 'li jkun jista' jiġi applikat jew li għandu jiġi applikat'. Ix-xjentisti nnifishom jiddikjaraw li l-proċeduri l-aktar utli kienu r-riżultat ta' riċerka bażika, u għalhekk ma għandu jkun hemm l-ebda firda bejn iż-żewġ tipi ta' riċerka. Jekk għandha tinstab soluzzjoni għall-problemi reali u attwali, il-mezzi kollha disponibbli għandhom ikunu esplojtati jkun xi jkun l-'istil' użat.

Ambjent tal-baħar b'saħħtu huwa indispensabbli għall-potenzjal li l-oċeani joffru biex ikun materjalizzat: il-preservazzjoni tar-riżorsi hija vitali sabiex tittiejjeb il-kompetittività fuq medda twila ta' żmien. L-istrateġija tematika għall-ambjent tal-baħar titlob azzjoni rapida msejsa fuq approċċ mil-lat ta' ekosistemi. Il-proċessi kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet se jkollhom jinkludu d-dimensjoni ambjentali u jirriflettu l-interessi tal-attivitajiet kollha li għandhom impatt fuq dan l-ambjent.

L-impenji mogħtija mill-UE fis-samit ta' Johannesburg jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' riċerka tal-baħar responsabbli u ta' kwalità għolja: l-akkwist u l-istudju ta' dejta xjentifika huwa attività kruċjali għas-sistema mil-lat ta' ekosistemi, għat-twaqqif ta' żoni tal-baħar imħarsa, biex tkun iggarantita l-esplojtazzjoni ta' riżorsi li tkun waħda sostenibbli u ta' benefiċċju u biex tkun ipprovduta reazzjoni għal kwalunkwe sfida marbuta ma' fenomeni jew diżastri naturali kkawżati minn attivitajiet tal-bniedem. Il-livelli tal-qbid massimu sostenibbli (MSY) jeħtieġu wkoll tagħrif eżatt u kostanti.

Il-għbir, l-irfiġh, iċ-ċirkulazzjoni/l-iskambju, l-ipproċessar u l-istudju ta' ammont kbir ta' tagħrif u dejta huwa kruċjali biex ikun żgurat li l-ħtiġijiet soċjali u l-kunsiderazzjonijiet naturali jkunu bilanċjati. Is-sostenibilità tar-riżorsi titlob ukoll koperazzjoni tajba bejn l-industrija tas-sajd, l-oċeanografija, ir-riċerka tas-sajd, l-ekoloġija tal-baħar, ir-riċerkaturi soċjoekonomiċi, l-istituti u l-assoċjazzjonijiet ta' riċerka tal-baħar.

Ir-riċerka tas-sajd futura se jkollha bżonn tqis l-aspetti marbuta mal-abitati (it-tnaqqis tal-impatt fuq qiegħ il-baħar, l-identifikazzjoni ta' żoni li huma bijoloġikament sensibbli), mal-qabdiel aċċidentali ta' speċijiet vulnerabbli (tjur, fkieren jew mammiferi tal-baħar), mat-titjib fil-għażla ta' speċijiet intenzjonati (ikun evitat ir-rimi lura fil-baħar u l-qabdiel inċidentali) u mal-integrazzjoni tal-istudji dwar l-istokkijiet li tkun ibbażata fuq l-ekosistemi bi studji dwar l-oċeanografija, il-bijokimika u l-bijodiversità.

Il-ħtieġa li l-ħidma ssir f'network

It-titjib tad-dejta xjentifika dwar is-sajd hija biċċa xogħol urġenti. L-Ewropa tippossiedi t-timijiet ta' riċerka u l-għerf ta' fatti meħtieġa għall-esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-

baħar. Però, minbarra ċentri għall-ġbir tad-dejta u netwerks ta' osservazzjoni, ir-riċerka tal-baħar teħtieġ ukoll varjetà wiesgħa ta' infrastruttura għalja u speċjalizzata li tassorbi l-parti l-kbira tal-investment, u l-użu komuni ta' infrastruttura bħal din tkun għalhekk tottimizza l-benefiċċji tagħha.

Network Ewropew stabbli bbażat fuq l-infrastruttura fiżika li diġà teżisti fl-Istati Membri u li jkun immirat għall-osservazzjoni u l-ġbir ta' dejta dwar l-ambjent tal-baħar ikun jinkoraġġixxi l-iskambju ta' taġħrif bejn is-setturi Ewropej u l-korpi ta' riċerka u jkun iżomm lill-UE fuq quddiem nett.

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' network bħal dan ikun jgħin biex ikun promoss il-fehim u d-djalogu bejn il-komunità xjentifika, il-leġiżlaturi u l-utenti aħħarija, inklużi l-industrija u l-kummerċ. L-intensifikar tal-koperazzjoni bejn l-istituti nazzjonali tar-riċerka wkoll ikun jgħin biex ikunu standardizzati l-mudelli differenti ta' riċerka applikata li huma utilizzati fl-Istati Membri biex isir aktar faċli kemm li jiġu mqabbla r-riżultati u kemm li tkun iffaċilitata l-aggregazzjoni tad-dejta.

Il-kompiti tiegħu jkunu jinkludu l-koordinazzjoni ta' kompiti speċifiċi u l-parir dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Il-ħolqien tiegħu ma jkunx jaffettwa l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet tar-riċerka fid-diversi aġenziji u korpi internazzjonali u jkun ta' benefiċċju wisq għall-iżvilupp tax-xjenzi Ewropej tal-baħar.

Edukazzjoni u taħriġ

Persunal ikkwalifikat, ħaġa li hija vitali għall-attivitajiet marbuta mal-ambjent tal-baħar, qed jonqos b'ritmu kostanti fl-oqsma kollha. Preokkupazzjoni partikulari fir-riċerka tal-ħut applikata hija l-iskarsezza ta' xjentisti żgħażaġħ, ċirkustanza li l-esperti jattribwixxu għannuqqas ta' attrazzjoni li għandhom karrieri bħal dawn. Issa wasaln fil-punt fejn istituti li jispeċjalizzaw fir-riċerka tal-ħut f'xi Stati Membri kienu sfurzati jagħlqu minħabba n-nuqqas ta' studenti.

L-irrimedjar ta' din is-sitwazzjoni jkun jinvolvi t-twaqqif ta' korsijiet universitarji li jkunu interessanti u li jagħtu status aktar qawwi u li jkunu jwasslu għal karrieri li jkunu mħallsa tajjeb. Neħtieġu politika tal-edukazzjoni li tkun tqanqal lix-xjentisti żgħażaġħ li jaqdbu l-linja tar-riċerka fil-qasam tar-riżorsi tas-sajd.

Biex isir hekk, se jkun meħtieġ li jittejbu l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-mobilità u riorjentament professjonali kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol, speċjalment fir-rigward tal-attivitajiet ta' riċerka li jiffukaw fuq is-sajd imma wkoll f'setturi oħra relatati. Se jkun meħtieġ ukoll li jisseddqu l-profil u l-inċentivi għax-xjentisti, ħaġa li se tipproduċi titjib fix-xjenza tal-baħar b'mod ġenerali u fir-riċerka tas-sajd b'mod partikulari.

Ħtieġa ta' finanzjament adegwat

Għalkemm il-frażi *'M'humix il-flus li huma l-problema, imma r-riżorsi umani!'* tiġbor is-sitwazzjoni fi flit kliem wisq tajjeb, dan ma jfissirx li hemm riżorsi finanzjarji żejda għar-riċerka f'dan il-qasam. Flimkien mal-użu adegwat tal-għerf xjentifiku u teknoloġiku, l-isfidi jirrikjedu appoġġ finanzjarju deċiżiv mill-KE u mill-Istati Membri.

S'issa, id-diversi istituti ta' riċerka kienu ffinanzjati permezz ta' żewġ għejun: fondi nazzjonali bi bdil mal-provvediment ta' tagħrif xjentifiku lill-gvernijiet tal-Istati Membri, u fondi Komunitarji skont id-direttiva dwar il-ġbir ta' dejta bażika u permezz tal-parteċipazzjoni ta' tagħhom fil-kumitati xjentifiċi.

It-tielet għajn ta' finanzjament kien il-programm ta' qafas għar-riċerka. Ir-Raba' u l-Ħames Programmi ta' Qafas kienu jinkludu programmi speċifiċi għas-sajd u l-akkwakultura (FAIR) maħsuba għas-settur tar-riċerka tal-baħar applikata, b'finanzjament ta' EUR 130 miljun u EUR 150 miljun. Il-politika tas-sajd kienet għadha prijorità fis-Sitt Programm ta' Qafas, għalkemm l-ammont ta' finanzjament kien imnaqqas għal EUR 60 miljun. B'kuntrast, is-Seba' Programm ta' Qafas la jitratta s-sajd u l-anqas l-akkwakultura bħala linji speċifiċi. Huwa biss il-qasam tematiku 2, 'Ikel, agrikoltura u bijoteknoloġija' li, jekk ikun interpretat fis-sens aktar wiesa', jista' jkopri r-riċerka f'dawn l-oqsma. Il-qasam tematiku 6, 'Ambjent (inkluża l-bidla fil-klima)' ma jinkludix b'mod speċifiku r-riċerka dwar ir-riżorsi tal-baħar u l-anqas ma jinkludi l-immaniġġjar integrat taż-żoni tal-kosta.

Ix-xjentisti jiffaċċjaw diffikultajiet meta jkunu qed iressqu proġetti lis-Seba' Programm ta' Qafas minħabba l-approċċ differenti li jittieħed fir-riċerka dwar suġġetti marbuta mal-akkwakultura, pereżempju, li huma bażikament ta' natura industrijali, u dwar suġġetti li għandhom x'jaqsmu mas-sajd jew ix-xjenzi tal-baħar, li huma ta' natura multidixxiplinarja u aktar għal fuq medda twila ta' żmien. S'issa, iż-żewġ oqsma kienu koperti mill-istess fondi, u b'hekk seta' jkun hemm il-komplementarità, u kienu kkoordinati mid-DĠ tas-Sajd u mhux mid-DĠ tar-Riċerka.

Ir-riżultat huwa li sar aktar diffiċli għall-komunità xjentifika biex tikkomunika l-preokkupazzjonijiet u l-ħtiġijiet tas-settur lill-uffiċjali responsabbli għat-tfassil tas-sejthiet għall-proposti. Min-naħa tiegħu, id-DĠ tar-Riċerka għażel prinċipalment li jiffinanzja r-riċerka bażika u mhux li jakkomoda r-riċerka mmirata għall-politiki pubbliċi sabiex, pereżempju, tingħata spinta lill-komponent xjentifiku tal-istrateġija Komunitarja dwar il-baħar, jew sabiex isir studju tal-kontribut tas-sajd għall-bidla fil-klima.

Fil-qosor, l-oġġettiv tal-politika marittima tal-UE, jiġifieri li naslu għal sajd produttiv f'ambjent tal-baħar nadif, jitlob li x-xjentisti li jkunu jaħdmu f'dan il-qasam ikollhom aċċess għal mekkaniżmi ta' finanzjament orizzontali skont is-Seba' Programm ta' Qafas.

Aħna ninsistu fuq il-ħtieġa li b'urġenza tkun implimentata politika xjentifika speċifika maħsuba għar-riżorsi tas-sajd, akkumpanjata minn sforz finanzjarju sinifikanti. L-appoġġ tal-UE għat-taħriġ u l-edukazzjoni f'dak li għandu x'jaqşam mal-baħar se jagħmilha possibbli li jkunu integrati d-diversi fehmiet, soċjali, ekonomiċi, marittimi u kummerċjali, u se jgħin biex jittejjeb il-mod li bih tidher b'mod ġenerali l-politika tal-ħut u biex tikber il-kuxjenza dwar il-ħtieġa li dan jibqa' sostnut.